# The Southern Cross Group
*Promoting mobility in the global community*

**KOMMUNIKAT GHAL MEDJA.** 14 ta Settembru 2002

## Il gvern Awstraljan imħeġġeġ jikkunsidra il-pożizzjoni tal Maltin li kellhom jirrinunzjaw lċ-ċittadinanza Awstraljana.

Il jum tas 17 ta Settembru 2002 huwa l-jum iddikjarat bħala l-jum iċ-ċittadinanza Awstraljana, imma dak inhar mhux kulħadd se jkun jiċċelebraħ!

Il Grupp mgħaruf bħala is- Southern Cross Group (SCG - www.southern-cross.group.org) huwa grupp internazzjonali, indipendenti, non profit li mexxa b'suċċess kampanja twila biex l-att ta 1948 taċ-ċittadinanza Awstraljana jitneħħa. Dan il grupp jgħidli għad hemm bżonn urġenti għal aktar riforma fil qasam taċ-ċittadinanza. Għalkemm issa huwa possibbli li ċittadini Awstraljani jgawdu ċittadinanza doppja, għal hafna eluf ta ndividwi.

Teżisti anomalija partikulari fejn jdħlu dawk li fil passat kellhom bilfors jirrinunzjaw iċ-ċittadinanza Awstraljana f'xi pajjiż ieħor fejn kien meħtieġ li persuni li kellhom ċittadinanza ta żewg pajjiżi jgħażlu waħda meta jaslu għall eta ta 18 jew 21 sena.

Il problema tar-rinunzja l'aktar li laqtet kienet f'Malta, fejn numru ta Maltin Awstraljani ma gawdew xejn minkejja li kemm l-Awstralja, u anke Malta immoderniżżaw li-liġijiet tagħħom dwar lċ-ċittadinanza. Tfal ta ġenituri maltin imwielda fl'Awstralja saru awtomatikament ċittadini Awstraljani. Huma wkoll gawdew miċ-ċittadinanza Maltija bis-saħħa tal ġenituri tagħħom, u bhekk kellhom ċittadinanza doppja,

Sakemm il-liġl Maltija nbidlet b'effett mil10 ta Frar 2000, il Maltin Awstraljani riedu jiddeċiedu liema ċittadinanza jgħażlu meta dawn jaslu fit 18 il sena u qabel jgħalqu id-19 il sena. Waħda minnhom kellha tkun irrinunzjata.!

Ħafna Maltin li twieldu fl-Awstralja inġiebu Malta mil-ġenituri tagħħom qabel għalqu it-18 il sena u meta waslu f'din l-eta kellhom għazla diffiċli hafna. Generalment ir-rinunzja taċ-ċittadinanza Awstraljana me kienx hemm alternattiva għaliha għal fatt li f'Malta, l-edukazzjoni terzjarja, ix-xogħol, u xiri ta propjeta kienu jirrekjedu ċittadinanza Maltija.

Dawk lż-żagħżaħ li twieldu, w edukaw ruħħom fl'Awstralja ma kienx ikollħon wisq informazzjoni tal-konsegwenzi li seta kien hemm. Eluf ta maltin Awstraljani jħossu li huma jappartienu liż-żewġ pajjiżi bi dritt, u għalhekk għandu ikollhom lċ-ċittadinanza taż-żewġ pajjiżi.

Il-liġl Awstraljana ma tgħatix dan id-dritt, u dan minkejja li l-Australian Citizenship Act kien amendat biex dawk li rrinunzjaw lċ-ċittadinanza Awstraljana ikunu eliġibbli li jergħu jakkwistawha sa kemm ikollhom 25 sena. Il biċċa l-kbira tal VITTMI Maltin issa għalqu aktar minn 25 sena!, u biex huma jergħu jkollhom din iċ-ċittadinanza jridu jerġgħu jemigraw u wara sena jerġgħu japplikaw għaliha. B'hekk ikollhom dik Maltija wkoll.

John MacGregor, il-kordinatur Awstraljan ta SCG f'Canberra qal " li hija haħa ironika li fil waqt li l'gvern Awstraljan jinkuraġixxi lil 900,000 resident permanenti fl'Awstralja biex isiru ċittadini Awstraljani, huwa jċaħħad min dan nies li huma Awstraljani f'kollox ,barra f'sens legali .hemm bżonn li il-proviżżjoni tas-Citizens Act titwessa."

Is SCG issejjaħ liċ-ċittadini kollha residenti permanenti u lil dawk li kienu ċittadini Awstraljani biex jibgħatu l-opinjonijiet tagħħom dirett lil ministru taċ-ċittadinanza Awstraljan, Gary Hardgrave MP mill website tas-SCG fejn jikkonfermaw il-lejalta tagħħom lejn l-Awstralja u fli stess ħin lħeġġu lil gvern biex jaħsibha mill ġdid dwar il-liġġ taċ-ċittadinanza ta din il-klassi ta Awstraljani.

*http://www.southern-cross-group.org/affirmation/dualaffirmation.html*


| | | | |
|---|---|---|---|
| **SCG Contacts**: | Canberra: | John MacGregor | tel 026247 6942, mobile 0418 621 918 |
| | Melbourne: | Jacqui Mowbray | mobile 0408 726 913 |
| | Malta: | Norman Bonello | mobile (+356) 79 468 329 |
| | Brussels: | Anne MacGregor | mobile (+32) 474 950 131 |

**Website:** *www.southern-cross-group.org*
**E-mail:** *info@southern-cross-group.org*

# The Southern Cross Group

*Promoting mobility in the global community*

**The above Media Release was sent by:**


**Norman Bonello (ID# 847657M)**
**'Morning Glory'**
**19, Mattia Preti Street**
**Siggiewi**
**Malta**

**Tel:** **(+356) 79-468329**
**Email:** **norman.bonello@global.net.mt**